MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Numru. 647/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**MICHAEL MIFSUD ta' 51 sena, iben Joseph u Mary xebba Debono, imwieled Tal-Pieta' nhar it-22 ta' Awwissu, 1957, residenti fil-fond numru 63, Triq l-Isqof Scicluna, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita' li ggib in-numru 594457M**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MICHAEL MIFSUD** li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-15 ta' Settembru, 2000 ghall-habta ta' l-ghaxra ta' fil-ghaxija (10.00pm), gewwa Triq il-Vitorja, Qormi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew

gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont huwa ta’ aktar minn hames mitt lira Maltin billi ghamel diversi hsarat fuq il-vetturi LCA 704 tal-marka Mazda 121 ghad-dannu ta’ Anthony Borg minn Haz-Zebbug;

2. U aktar talli fil-Qorti, f’kaz ta’ kundanna, minbarra l-piena hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Anthony Borg u l-familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat turbot lill-hati b’obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta’ somma ta’ flus li tigi ffissata mill-Onorabbli Qorti;

3. U aktar talli huwa sar recidiv tal-Artikolu 49 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta billi wara ali gie kkundannat b’sentenza tas-27 ta’ April, 2000 huwa rega’ kkommetta reat iehor.

Rat li fl-interrogatorju **MICHAEL MIFSUD** wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni l-Avukat Generali baghat l-Artikoli taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija u cioe l-Artikoli 325(a), 383, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat l-atti kollha lilha ezebiti b’mod partikolari l-atti ta’ l-Inkjesta Magisterjali, l-aktar it-tieni stqarrija rilaxxata fejn l-imputat ammetta l-fatti lilu mputati.

Rat ukoll mill-Inkjesta Magisterjali li l-Espert Tekniku Felix Busuttil ikkwantifika d-danni kkagunati minn **MICHAEL MIFSUD** fuq il-vettura ta’ Anthony Borg;

Rat ukoll li moqrija l-Artikoli hawn fuq imsemmija l-imputat ta l-kusens tieghu ghal proceduri sommarji;

Semghet bhala provi in difesa lill-parte leza Anthony Borg li ddepona li **MICHAEL MIFSUD** kien irranga mieghu fuq u dwar il-hsarat ikkagunati mill-akkuzat fuq il-vettura ta’ Borg.

Ikkunsidrat:

Illi in vista' ta' l-ammissjoni ta' l-istess imputat kif ukoll tal-provi rizultanti, din il-Qorti qieghda ssib htija skond l-imputazzjonijiet migjuba, u cioe' r-reat ikkontemplat that l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar ir-recidiva rat is-sentenza ezebita mill-Ufficjal Prosekutur a folio 88 fil-konfront ta' l-imputat kif del resto accettat id-Difiza a folio 35. Rat li din is-sentenza nghatat fis-27 ta' April, 2000. Rat li kif ben qalet id-Difiza din kienet titratta f'penali ta' multa.

Dwar il-piena, tenut kont ta' dak kollu premess, rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena(1) sospiza ghal sentejn(2);

Rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u torbot lil **MICHAEL MIFSUD** bl-obbligazzjoni tieghu nnifsu ghas-somma ta' €233(mitejn u tlieta u tletin Ewro) ghal sena li bl-ebda mod ma jivvessa jew jimmolesta lil Anthony Borg.

Oltre dan rat ukoll li jirrizulta b'mod ampju mir-rizultanzi tal-Perit Tekniku li l-vettura ta' **MICAHEL MIFSUD** habtet gol-vettura ta' Anthony Borg, dan meta hu mar jirmonka l-karozza tieghu. Illi l-istess **MICHAEL MIFSUD** ammetta li habat b'din il-vettura, pero jghid illi accidentalment. Illi **MICHAEL MIFSUD** pero jista' forsi jitwemmen illi hu, it-tieni darba laqghat il-karozza ta' Borg accidentalment, pero mhux emmnut li fl-ewwel incident kkaguna l-hsara bil-vettura tieghu fuq il-vettura ta' Borg b'mod accidentali. Fil-fatt l-imputat fuq karozza stazzjonarja tant kien b'sahhtu, li l-vettura ta' Mifsud sahansitra inqalaghtilha r-rota tal-lemin u tqacctitilh l-i*steering* (folio 30). Oltre dan mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Felix Busuttil a folio 33, jirrizulta l-hsara estensiva li sofriet il-vettura ta' Borg. Fil-fatt il-pulizija li waslu fuq il-post l-ewwel darba anke kkontestaw li l-vettura kellha zewg wind screens miskurin. Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li certament il-hsarat (l-

ewwel) ikkagunati lill-vettura ta' Borg kienu ta' natura volontarja u ghalhekk il-vettura ta' **MICHAEL MIFSUD** hija soggetta ghall-konfiska mandatorja taht l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan fir-rigward tal-vettura IAJ 113;
Tikkundannah ghall-hlas ta' spejjez peritali fl-ammont ta' seba' mija u sebgha u hamsin Ewro, u disa' Ewro centezmi(€757.09).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------